KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

BORMLA
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 010/2019

9 ta' Dicembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku, ppresjediet l-laqgha

## 10.1 Qari ta' ittri ta' apologija

10.1.1 Is-Sindku qrat korrispondenza li permezz taghha l-Kunsilliera Melanie Agius talbet li n-nuqqas taghha mis-Seduta jigi gustifikat minhabba ragunijiet ta' mard fil-familja. Kien hemm qbil unanimu illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Agius kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

10.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 9 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

10.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

10.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 10.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-Kunsilliera Melanie Agius kienet infurmatha illi l-post fejn kienet qieghda tippjana li taghmel festin ghat-tfal (hekk kif kien isir kull sena) me kienx disponibbli, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tahdem fuq alternativi ohra. Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi fir-rigward kienet ser tkun qieghda tikkomunika permezz ta' e-mail mal-kunsilliera.

10.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Vici-Sindku kien attenda f'isem il-Kunsill Lokali ta' Bormla ghal Jum il-Kalkara.

10.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi hekk kif ippjanat, b'kordinament mill-Kunsillier Martin Vella, kienet ittellghet b'kollaborazzjoni ma' MESA il-Bormla 5k road race matul Dicembru 2019.

10.3.4 Is-Sindku infurmat illi hekk kif ippjanat kienet ittellghet attivita' minn Pink Magazine gewwa binja li kienet tinsab fi Pjazza Paolino Vassallo. L-attivita' li kienet ittellghet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet giet milqugha tajjeb mir-residenti.

10.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett kienet ipprezentat lil Marigold Foundation fondi li kienu ingabru minn numru ta' attivitajiet li l-istess Spiteri Hammett kienet hadet hsieb tikkordina.

10.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-Kunsill Lokali kien ircieva talba mill-Ministeru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-istess Sa. Zerafa Civelli kienet ser tkun qieghda tirraprezenta lill-Kunsill Lokali f'bord li l-istess Ministeru kien ser ikun qieghed jappunta sabiex titmexxa l-fondazzjoni Kottonera.

**10.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

10.4.1 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : Nixtieq nitlob spjegazzjoni dwar x-inhi r-raguni li l-cameras li hemm madwar il-bandli tal-garru, ghaliex mhux qed jiffunzjonaw. Saruli diversi lmenti u nixtieq tip ta' risposta.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal : Il-Kunsill Lokali gie infurmat li kien hemm xi hsarat u sar kuntatt mal-kumpanija li kienet installat ic-CCTV cameras. Il-Kunsill Lokali ghandu jircievi rapport tekniku dwar in-natura tal-hsarat bil-ghan illi jigi stabbilit jekk l-apparat jistax jissewwa.

10.4.2 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : Nixtieq nistaqsi li f'laqgha li tkellimna rigward rampa tal-injam f'Bull Street fiex waslet. Kellna nistaqsu ghal opinjoni dwar dan l-ilment. Nitlob li din il-haga tinghata prominenza dan ghall-fatt li l-persuna ma tistax taghmel uzu mit-tarag.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal : Hekk kif maqbul, il-Kunsill Lokali ser ikun qieghed jaghmel spezzjoni fuq il-post flimkien ma' persuni teknici bil-ghan illi jinghata pariri dwar il-materja.

10.4.3 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : Nitlob nistaqsi bhalma shaqt kemm il-darba dwar loading bay ta' zewg karozzi li ma nafx kif inghata permess meta' wara l-ghassa lanqas hemm sitt hwienet. Qed isiruli diversi complaints dwar dan il-fatt. Il-post indikar qieghed fuq Fuq San Pawl hdejn il-Fama Giusta.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal : Il-permessi ghal un/loading bays jinhargu minn Transport Malta. Il-Kunsill Lokali ma kienx involut fl-implimentar tal-imsemmija sinjali.

10.4.4 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : Ingib ghall-attenzjoni taghkom attivita' ghal Karnival 2020 bl-isem Ta Battucada 2020.
Wara li sentejn ilu sehh il-Karnival gol-Kottonera din is sena qieghed nipprezenta quddiemkom attivita' Karnivaleska bis-sehem tal-Konslu Braziljan. Il-laqghat ghadejjin gmielhom kemm ma' Jason Busutill chairman tal-Karnival Malti kif mal-Konslu Braziliana Maria Cidalia.
Id-data msemmijja ghal din l-event hija Sibt qabel il-Karnival Malti Filghaxija. Il-post li qed nissugerixxi huwa pjazza Gavino Gulia, triq Dom Mintoff kif ukoll Pjazza Paolino Vassalli.
Is-Sindku wiegbet : Filwaqt li jidher illi l-attivita' ghandha prospetti tajbin, ikun ghaqli illi l-Kunsill Lokali jinghata aktar dettalji dwar il-kordinamenti mehtiega u l-aspett finanzjarju hekk kif ikun hemm aktar informazzjoni.

**10.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;**

10.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru013/19) ghall-approvazzjoni.

10.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

10.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Novembru 2019.

10.5.4 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**10.6 Mozzjonijiet**

10.6.1 *Mozzjoni numru 015/2019*

Ippermettuli nressaq mozzjoni sabiex id-decorating poles li ghandna madwar Bormla jergghu isirulhom is-signs imdendlin maghhom li kienu jindikaw informazzjoni u direzzjoni ta' postijiet ta' interess madwar Bormla stess.

Proponent : James Cauchi
Sekondant : Martin Vella

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**10.7 Mili ta' postijiet vakanti**

10.7.1 Is-Sa. Alison Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-process ghal ingagg ta' skrivan/a fi skala 15 kien gie konkluz u l-kandidata maghzula kienet mistennija tibda' l-impjieg taghha mal-Kunsill Lokali minn Jannar 2020.

10.7.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li ma kien applika hadd ghal sejha interna li kienet inharget ghal ingagg ta' skrivan/a fi Skala 13

**10.8 Sejhiet ghall-Offerti**

10.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi wara li kien ghalaq iz-zmien ta' sottomissjonijiet ghal sejha ghall-kwotazzjonijiet li kienet inharget mill-Kunsill Lokali ghal dawl dekorattiv ghal zmien il-Milied, kien irrizulta li kien hemm sottomissjoni wahda. L-evalwaturi kienu lestew xogholhom u inhareg evaluation report, liema rapport gie pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali

10.8.2 Wara diskussjoni qasira, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill unanimament qabel illi kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u jaggudika s-sejha ghall-kwotazzjonijiet lill-uniku offerent.

**10.9 Attivitajiet**

10.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif stipulat fl-att dwar il-Gvern Lokali ( Kap 363) kien jinhtieg li l-Kunsill Lokali jzomm laqgha annwali sa tmiem l-2019. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi l-imsemmija laqgha kellha tinzamm nhar il-Hamis 19 ta' Dicembru 2019 fis-6:00 p.m.

**10.10 Rapporti**

9.10.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta b'konnessjoni ma' Cirkulari numru SPI10/2019 kienet giet milqugha u l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jibbenefika minn madwar tlett elef ewro f'fondi ghal meljorament fil-librerija pubblika u jtella' attivita' b' tema edukattiva.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi nhar is-17 ta' Dicembru 2019 kien ser ikun hemm laqgha li matulha kienu ser jinghataw dettalji dwar *Small Grants Scheme*, skema li kienet ser tkun qieghda tigi ffinanzjata min-*Norway Grants*.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jzomm laqgha ma' rapprezentanti tal-lokalita' ta' Birkirkara bil-ghan illi jigu studjati potenzjali kollaborazzjonijiet. Dan wara proposta li kienet waslet permezz ta' e-mail mill-Vici-Sindku.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba li kienet tressqet mill-American University of Malta sabiex isir double yellow line biswit entratura ghall-binja amministrattiva tal-istess entita'.
- Kien hemm qbil illi fil-principju illi l-Kunsill Lokali kellu jikkollabora ma' NRGY Concepts Ltd. bil-ghan illi kemm il-darba ikun possibbli tittella' t-tieni edizzjoni tal-Malta International Wine Festival fil-lokalita'.
- Il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghal talba li kienet tressqet minn Call Zone sabiex isir reklamar ma tliet u-channels fil-lokalita'. L-amministrazzjoni kellha tikkordina l-post fejn kellhom jigu nstallati l-istess u-channels.
- Kien hemm qbil illi minhabba l-fatt illi Gran Cugo Macina Grand Harbour ma' kenitx fil-konfini tal-lokalita' minhabba ragunijiet logistici ma setghetx tigi milqugha talba li l-istess kumpanija ghamlet ghal *ibins*.
- Kien hemm qbil fil-principju ma' proposta li kienet tressqet minn Artopolis Ltd. ghal inzijativi bi skop kulturali fil-lokalita'. Fir-rigward, is-Sindku meghjuna mill-amministrazzjoni kellha tkompli n-negozjati mal-imsemmija kumpanija.

**10.11 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

10.11.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-13 ta' Jannar 2020 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum ________________________________

___________________

**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

___________________

**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv